# Is-Superlattiv Assolut

Is-Superlattiv Assolut nużawh biex infissru '**ħafna, ħafna**'.

Pereżempju flok ngħid ikrah ħafna ngħid ikrah dagħwa; jew flok ngħid tqil ħafna ngħid tqil ċomb. Dawn huma xi eżempji ta' superlattiv assolut:

| | | | |
|---|---|---|---|
| abjad ħalib | abjad silġ | abjad karti | aħdar ħaxix |
| aħmar nar | aħmar pepprin | ikħal nir | isfar lellux |
| isfar deheb | iswed faħam | iswed tuta | dlam ċappa |
| ħafif rixa | ħelu zokkor | marid mejjet | kiesaħ silġ |
| xiħ għakka | mgħawweġ ganċ | nadif tazza | oħxon katuba |
| oħxon kartell | qares lumija | jinten pesti | ifuħ xummiema |

**Taħriġ A: Imla l-vojt bl-aħjar frażi minn dawn t'hawn taħt:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ħelu zokkor | marid mejjet | iswed faħam | mgħawweġ ganċ | tinten pesti | aħmar nar |
| dlam ċappa | ikħal nir | nadifa tazza | ħafif rixa | abjad karti | oħxon katuba |

1) Il-mama' naddfet id-dar kollha u ġiet ______________________________.

2) Wara l-ġirja li ġera, wiċċu sar ______________________________.

3) Minħabba l-ħsara fid-dawl, it-triq kollha spiċċat fi ______________________________.

LIVEWORKSHEETS

4) Il-kejk t'għeluq sninni kien ______________________________.

5) Tant kemm tħammeġ il-flokk li minn abjad sar

______________________________.

6) Meta battalt il-kotba, il-baskett tal-iskola sar

______________________________.

7) Huwa kellu jmur jistrieħ kmieni fis-sodda għax ħassu

______________________________.

8) Xi ħadd ħalla l-landa tal-iskart miftuħa u bdiet

______________________________.

9) Sebħet ġurnata b'temp bnazzi u sema ______________________________.

10) Wara ħafna żmien ma jagħtix kas x'ikel jiekol, Albert sar

______________________________.

11) Bil-qatgħa li ħadet, wiċċ Anna sar ______________________________.

12) In-nannu ħadem u bata ħafna fl-għelieqi u issa sar

______________________________.



LIVEWORKSHEETS